28 ta' Settembru, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Albert V. Mallia ne. *versus* Henry Formosa

**Danni. — Estensjoni tar-Responsabilità tad-Danneġġjant.**

*Min jikkaġuna ħsara għandu jirrispondi biss għall-ħsara li jkun effettivament ikkaġuna.*

*Meta l-oġġett danneġġjat jista' jissewwa mingħajr preġudizzju ta' min sofra l-ħsara, ir-riżarċiment tad-danni huwa ristrett għall-ispejjeż tar-riparazzjoni; imma meta l-oġġett danneġġjat ma jistax jissewwa u jsir inservibili, id-danni għandhom ikunu l-valur tas-sostituzzjoni ta' dak l-oġġett b'wieħed ġdid, u mhux jeħles id-danneġġjant mir-responsabilità billi jħallas il-valur ta' l-oġġett danneġġjat meta saret il-ħsara. L-unika ħaġa li d-danneġġjant jista' jippretendi hija dik li jieħu l-oġġett minnu daneġġjat u li ġie sostitwit bi spejjeż tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur nomine quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas £4. 15. 0 jew somma minuri li tirriżulta, għad-danni li ġew minnu kaġjonati fil-karrozza nru. 3687 ta' W.J. Outram, assikurata mad-ditta attriċi, u li a tenur tal-polza ħallset dawk id-danni lill-assikurat tagħha. Bl-ispejjeż, kompliżi dawk ta' l-ittra interpellatorja;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-30 ta' Lulju 1949, fejn ċaħdet it-talba tal-konvenut għan-nomina ta' perit ieħor............... u laqgħet it-talba ta' l-attur nomine limitatament għas-somma ta' £4. 14. 0, u ordnat illi l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi tal-każ jitħallsu kwart mill-attur nomine u tliet kwarti mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut, fil-ħin illi jirrikonoxxi r-responsabilità tiegħu għad-danni kaġjonati minnu fil-karrozza nru. 3687, bl-eċċezzjonijiet tiegħu jikkontesta l-entità tad-danni li tagħhom id-ditta attriċi qiegħda titlob ir-riżarċiment. Biex isostni t-teżi tiegħu l-konvenut eżibixxa l-kondizzjoni imposta fil-polza ta' l-assikurazzjoni tad-ditta attriċi, fejn fost oħrajn dik numru 4 tgħid :— "The Company may at its own option repair, reinstate, or replace any motor car described in the schedule hereto, or any part thereof, and/or its accessories, or may pay in cash the amount of the loss or damage; and the liability of the Company shall not exceed the actual value of the parts damaged or lost, plus the reasonable cost of fitting; and in no case exceed the insured estimate of the value of such motor car (including accessories thereon) as specified

in the said schedule, or in the value of such motor car (including accessories thereon) at the time of the loss or damage, whichever is the less";

Illi dik il-kondizzjoni tirregola r-rapporti bejn l-assikuratur u l-assikurat, u ma hemm xejn fil-kondizzjoni kuntrarju għall-prinċipji ġuridiċi ġenerali li jirregolaw ir-rapporti bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant;

Illi din l-kondizzjoni tistipula illi l-assikurat ma jkunx intitolat mill-Kumpannija assiguratriċi ħlief għar-riżarċiment tad-danni effettivament minnu soffert, skond il-prinċipju stabbilit fl-art. 1074 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi huwa paċifiku illi d-ditta attriċi qiegħda taġixxi fil-każ preżenti bħala ċessjonarja tad-drittijiet tal-persuna assikurata li ġiet regolarment minnha mħallsa, u konsegwentement għandha fil-konfront tal-konvenut id-drittijiet li kellu l-assikurat li sofra dannu bi ħtija tal-konvenut, la iżjed u la anqas;

Illi skond il-versjoni tal-konvenut id-ditta attriċi, għalkemm ħallset effettivament lill-persuna danneġġjata s-somma mitluba, jew preċiżament dik indikata mill-attur nomine fix-xhieda tiegħu, u ċjoè £4. 14. 0, dan ma jfisserx illi dan il-pagament "ut sic" jintitolaha titlob dina s-somma minn għandu kwante volte d-dannu kaġjonat mill-konvenut ma kienx ta' dik l-entità, imma anqas;

Illi in prinċipju dan ir-raġunament tal-konvenut huwa ġuridikament loġiku, għaliex id-danneġġjant jirrispondi biss tal-ħsara li jkun effettivament ikkaġuna, u r-rapporti bejn l-assikurat u l-assikurant ma jistgħux jippeġġjoraw il-pożizzjoni tiegħu, peress illi huma "inter alios acta" u jkunu nħolqu mingħajr il-kunsens u intervent tiegħu;

Illi mir-relazzjoni verbali ta' l-espert nominat jirriżulta illi l-ħsara kienet saret fil-"bumper" tal-karrozza indikata fiċ-ċitazzjoni, u li peress li dak il-"bumper" kien sar inservibili, kellu jiġi mibdul bi spiża ta' £4. 15. 0, spiża li skond l-istess espert hija raġjonevoli u korrispondenti għall-prezzijiet uffiċjali;

Illi ebda prova ma għamel il-konvenut biex jistabbilixxi illi l-"bumper" seta' jiġi riparat mingħajr dannu tal-persu-

na assikurata, imma illimita ruħu li jissottometti per mezz tad-difensur tiegħu illi l-"bumper" danneġġjat ma kienx ġdid u għalhekk ma jiswiex daqs wieħed ġdid; u mħabba f'hekk jippretendi illi huwa għandu jirrispondi tal-valur tiegħu kif kien fil-mument tad-danneġġjament;

Illi dan ir-raġunament ma hux korrett, għaliex meta l-oġġett danneġġjat ikun riparabili mingħajr preġudizzju ta' min isofri d-dannu, ir-riżarċiment jiġi ristrett għall-ispejjeż tar-riparazzjoni; però meta, bħal każ preżenti, l-oġġett danneġġjat ma jkunx iżjed riparabili, ma jistax ikun leċitu għad-danneġġjant li jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabilità tiegħu billi jħallas il-valur fl-istat li jkun fil-mument tad-danneġġjament;

Illi infatti fil-każ preżenti d-danneġġjat, jew l-assikurat skond il-każ, kien ikollu jistenna sakemm isib "bumper" ieħor fil-kondizzjoni u tal-valur ta' dak danneġġjat, jew alternativament, jekk sostitwit b'ieħor ġdid, iħallas "de proprio" d-differenza; illi l-uniku dritt li kien ikollu f'każi simili d-danneġġjat huwa li jieħu l-oġġett danneġġjat wara li jkun debitament a spejjeż tiegħu sostitwit; illi l-ispejjeż magħmula għas-sostituzzjoni tal-"bumper" danneġġjat mill-konvenut u ċjoè £4. 14. 0, huma raġjonevoli, u għalhekk f'dan is-sens għandha tiġi milqugħa t-talba ta' l-attur nomine;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens illi tiġi revokata in kwantu kkundannat lill-appellant iħallas is-somma ta' £4. 14. 0, billi minflok it-talba ta' l-appellat tiġi milqugħa għal somma iżgħar li tiġi fissata mill-Qorti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fuq l-appell prinċipali l-gravam ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt illi, peress li l-"bumper" ma kienx ġdid, iżda użat, il-valutazzjoni tad-danni kellha ssir skond l-istat ta' dak il-"bumper" kif kien. Kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, kieku l-"bumper" kien seta' jiġi riparat, kien ikun evidenti illi d-danneġġjat ma kienx ikollu dritt ħlief għal dak il-"bum-

per" hekk riparat, ċjoè għall-ispiża li effettivament tkun saret għar-riparazzjoni tiegħu; imma meta, kif ġara f'dan il-każ, il-"bumper" ma kienx riparabili, allura mhux ġust illi d-danneġġjat għandu jitħallas tal-valur tal-"bumper" kif kien fil-mument meta ġie danneġġjat. Infatti, kieku kien hekk, il-konsegwenza kienet tkun, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, illi jew id-danneġġjat jibqa' jistenna sakemm isib "bumper" fl-istat li kien tiegħu, biex jiġi riparat, jew inkella jħallas "de proprio" d-differenza; dawn il-konsegwenzi huma t-tnejn antiġuridiċi għad-danneġġjat. Infatti jekk jistenna biex isib ieħor, apparti l-kwistjoni kienx isib jew le, almenu f'dak l-istat li kien tiegħu, huwa kien ikollu d-dritt għad-danni ulterjuri għad-dewmien, peress li ma setax jaħdem bil-car, jew għall-ispejjeż li seta' għamel peress li ma kellux dak il-car. Fil-każ l-ieħor huwa antiġuridiku illi min qiegħed jitlob danni għandu bilfors "de proprio" iħallas somma ta' flus. Għalhekk l-unika ħaġa illi l-appellant għandu dritt għaliha hija li jieħu lura dak il-"bumper" danneġġjat;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati sa fejn kompatibili;

1. Tirrespinġi l-appell prinċipali tal-konvenut, u għalhekk fil-meritu tikkonferma s-sentenza li minnha hemm dan l-appell, b'dan illi l-appellant għandu dritt jieħu lura l-"bumper" danneġġjat;

2. Tilqa' l-appell inċidentali ta' l-attur għal kap ta' l-ispejjeż fis-sens illi l-ispiża tal-perizja titħallas kollha mill-konvenut appellant, spejjeż oħra jitħallsu skond dak li ordnat l-Ewwel Qorti;

F'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm dan l-appell. L-ispejjeż ta' dan l-appell, sew ta' dak prinċipali kemm ta' l-inċidentali, jitħallsu mill-konvenut appellant.